Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 417/2016

Il-Pulizja

Spettur Anna Marie Xuereb

Vs

Amad Aluwyad Nabil Mahmoud

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Amad Aluwyad Nabil Mahmoud detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 25575 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer f' Jannar 2009 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda: approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna / i ohra is-somma ta' aktar minn € 2329.37 ghad-dannu ta' Stefania Pia Andretta liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-

radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u 1-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 t' Awwissu, 2016, fejn il-Qorti, qatghet u ddecidiet li ssib l-imputat hati ta' misappropjazzjoni skond l-akkuza. Rat l-Artikoli 283, 294, 310 (1) (a) tal-Kap 9. Illiberatu bl-applikazzjoni tal-Artikoiu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum. Rat ukoll l-Artikolu 24 tal-Kap 446 u ordnat lill-imputat, biex fi zmien mhux aktar tard minn sitt xhur mill-lum, jhallas lill-parti leza is-somma ta' € 15,000.

Il-Qorti spjegat ir-responsabilita' tal-imputat skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Amad Aluwyad Nabil Mahmoud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 t' Awwissu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. In-nullita tas-sentenza appellata.

   Illi l-artikoli tal-ligi ikkwotati ma' jinkludux l-artikolu tal-ligi li johloq ir-reat li tieghu suppost gie dikjarat hati l-esponent u cioe' l-artikolu 293. Tabilhaqq jissemmew hiss l-artikoli 283, 294 u 310. Konsegwentment is-sentenza appellata hija nulla u per tant sabiex l-esponent ma' jigix ipprivat mill-beneficcju tad-

doppio esame, l-atti ghandhom jigu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-Ligi.

2. Illi l-akkuza kontra l-imputat kienet preskritta.

Kif jirrizulta mill-atti il-parte civile ex admissis tghid illi l-esponent kien wettaq xogholijiet izda mhux dawk kollha miftehma. Madankollu mbaghad hija tghid biss x′ kienu l-ammonti li hija hallset lill-esponent pero′ b′ ebda mod ma′ tghid jew tikkwantifika il-valur tax-xogholijet li l-istess esposnent kien lahaq ghamel kontra l-istess hlasijiet. In effetti hija la pprovdiet xi tip ta′ rapport peritali jew stima tal-valur tax-xogholijiet imwettqa mill-esponent u anqas imqar semplici ritratt jew ritratti tax- xogholijiet sabiex il-Qorti tkun tista tikkonkludi x′ kienet id-diskrepanza bejn dak imhallas u x-xoghol li sar. Konsegwentment ghalhekk ma′ kien hemm ebda prova sodisfacenti legalment sabiex jigi determinat il-valur allegatment appropjat indebitament. Konsegwentement, u minghajr pegudizzju l-artikolu 310 (a) tal-Kap. 9 ma′ setghax jigi applikat in mankanza ta′ tali prova u allura se mai l-piena applikabbli kellha tkun dik kontemplata fl-artikolu 293 u per konsegwenza l-akkuza tkun preskritta a tenur tal-artikolu 688 (d) tal-Kap. 9.

3. Applikazzjoni jew interpretazzjoni hazina jew inkompleta tal-Ligi.

Illi kif jirrizulta evidenti mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, dan kien kaz klassiku ta′ inadempjenza kuntrattawali fejn kuntrattur [ l-esponent ] naqas milli jottempora ruhu kompletament mal-obbligi minnu assunti fuq kuntratt maghmul ma′ persuna ohra. Tabilhaqq jirrizulta mhux kontestat illi effetivament parti mix-xogholijiet li ghalihom huwa kien ircieva biss kienu fil-fatt saru mentri parti ohra le. Madankollu jirrizulta wkoll illi kienu biss parti mill-pagamenti dovuti skond l- iskrittura iffirmata bejn il-partijiet illi thallset filwaqt li parti ohra ma′ gietx. Huwa ghalhekk evidenti illi element sostanzjali wiehed jew aktar tar-reat adebitat kien / u nieqsa ghal kollox u dan kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni orali ta′ dan l-appell.

4. Interpretazzjoni skoretta tal-fatti.

Illi fil-kuntest ta' dan l-aggaravju l-esponent jirriferi ghas-segwenti bran tas-sentenza appellata;

*"Tafferma li t-tlett rekwiziti ghall-esistenza tar-reat huma sodisfatti. Il-flus inghataw lill-imputat proprju biex isiru x-xogholijiet ta' rinnovazzjoni, liema xogholijiet huma elekati fl-iskrittura. Il-fatt li ma sarux, kif ammess fl-istqarrija nnifisha tal-imputat"*

Huwa evidenti mill-bran precitat illi l-Ewwel Qorti erronjament kienet qed tikkonkludi illi xejn mix-xogholijiet miftehma ma' kienu gew imwettqa. Dan huwa evidentment zbaljat il-ghaliex kemm mix-xiehda tal-parti leza kif ukoll mill-istqarrija tal-esponent jirrizulta inkontestat illi x-xogholijiet kienu bdew izda ma' gewx effetwati fl-intier taghhom. Dan l-izball, fl-umli tal-esponent kien krucjali biex wassal l-Ewwel Qorti biex issib htija u huwa ghalhekk illi dan is-sejbien ta' htija huwa wiehed li ghandu jigi meqjus bhala unsafe and unsatisfactory.

5. Appilkazzjoni skoretta tal-artikolu 24 tal-Kap. 446.

Illi l-appellant minghajr pregudizzju jilmenta wkoll f' kull kaz l-ewwel Qorti ma' setghat qatt legalment u ragonevolment tillikwida l-ammont ta' € 15,000 bhala rifuzjoni u dan ghall-istess ragunijiet elenakti fl-aggravju numru 2 u eioe' illi l-prosekuzzjoni naqset milli ggib xi tip ta' prova dwar id-differenza bejn dak li kien lahaq thallas u x-xoghol li kien gja twettaq [dejjem jekk kien hemm tali diskrepanza!].

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti tas-26 ta' Jannar 2017 fejn gie milqugh l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti, is-sentenza appellata giet konsegwentement annullata w, b'applikazzjoni ta l-artikolu 428(3) tal-Kodici

Kriminali gie ordnat it-trattazzjonimill-gdid tal-kaz fil-mertu bl-aggravji tal-appellanti jigu ikkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi annullata d-decizjoni appellata u ezaimanti l-atti kollha mill-gdid, din il-Qorti issa tinsab rinfaccjata b'difett procedurali li fil-fehma taghha bl-ebda mod ma jista' jigi sanat f'dan l-istadju tal-proceduri u dan ghalkemm diga' giet annullata d-decizjoni impunjata li minnha innifisha, kif deciz, kienet nulla billi indikat id-disposizzjoni tal-ligi li ma kienx jikkontempla ir-reat li dwaru l-appellanti gie misjub hati. Illi l-qorti qed tissolleva dina in-nullita procedurali billi ghalkemm l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu fl-10 ta' Marzu 2016 bir-riserva illi kellhom jinstemghu xi xhieda, jidher illi fl-ewwel lok dawk ix-xhieda hemmhekk indikati qatt ma instemghu, il-prosekuzzjoni qatt ma ghalqet il-provi taghha, u finalment l-imputat qatt ma ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jinqata' bil-procedura sommarja mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi certament dan id-difett procedurali fl-iter processwali jivvizzja l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ifisser allura li din il-Qorti jkollha tirrimetti l-atti quddiem l-Ewwel Qorti u dan sabiex l-process jitkompla mill-gdid mill-istadju fejn l-Avukat Generali baghat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju, billi huwa minn dan l-istadju tal-proceduri illi jezisti il-vizzju procedurali.

Dan ghaliex l-Avukat Generali jekk jidhirlu illi mill-provi migbura fl-Istruttorja jirrizulta reat li jaqgha fil-kompetenza estiza tal-qorti inferjuri, allura jadixxi lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u dan fit-termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali b'rinviju, <u>indirizzat lil dik il-Qorti</u>, li fih huwa jispjega t-termini li bihom l-Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza u dan meta jindika mhux biss ir-reati li dwarhom tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat, izda ukoll jekk il-Qorti ghandhiex tisma' xi xhieda ohra qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha.

F'dan il-kaz l-Avukat Generali talab lill-qorti inferjuri sabiex tinstema ix-xhieda tal-Ufficjal Proskeutur l-ispettur Anna Marie Xuereb u kull prova ohra li trid iggib il-pulizija fil-kaz. Dan kjarament ma sehhx bl-Ispettur Xuereb qatt ma toffri x-xhieda taghha u bil-Prosekuzzjoni qatt ma taghlaq il-provi. Illi l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju fl-10 ta' Marzu 2016. Fis-seduta ta' wara instema' xhud wiehed biss u cioe' rapprezentant tal-MFSA. Imbaghad b'verbal datat 26 ta' Mejju 2005, dehru l-partijiet u Dr. Joseph Ellis li irrinunzja ghal patrocinju tal-parti leza. Il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi "m'ghandhiex xhieda llum." Il-kawza giet differita ghat-08 ta' Gunju 2016. Illi fis-seduta tat-08 ta' Gunju 2016, stranament xehed Dr. Roberto Montalto li din il-Qorti tifhem li kien xhud in difeza billi wara li hekk xehed, mill-verbal tirrizulta id-dikjarazzjoni illi id-difiza ghalqet il-provi taghha u saret trattazzjoni. Il-verbali kollha tal-kawza jindikaw illi l-kaz kien baqa' dejjem jinstema' mill- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istuttorja u dan anke meta l-kawza giet finalment deciza ghalkemm is-sentenza impunjata tindika illi din giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

Illi dan kollu allura iwassal mhux biss ghan-nullita tad-decizjoni impunjata kif deciz minn din il-Qorti bis-sentenza preliminari tas-26 ta' Jannar 2017, izda in-nullita tal-proceduri u dan mill-mument illi giet mibghuta n-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Dan ghaliex l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tista' tigi radikata bil-kunsens ta'l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja. Fil-kaz li dan ma jaghtix dak il-kunsens, allura il-Qorti tal-Magistrati trid tirrinvija l-atti lura lill-Avukat Generali sabiex tinhareg l-att ta'l-akkuza. Minghajr dak il-kunsens il-Qorti tal-Magistrati ma tistax tghaddi ghad-decizjoni taghha. Huwa dan il-kunsens biss jew nuqqas tieghu li b'xi mod jista' ixejjen il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-vesti taghha ta' Gudikatura Kriminali. Fil-fatt l-artikolu 370(3)(a) jiddisponi testwalment hekk:

**"B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna."**

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jemergu dawn iz-zewg fatturi determinanti kif spjegat hawn fuq u cioe' illi fl-ewwel lok meta l-Avukat Generali jibghat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu huwa qieghed jadixxi l-Qorti fil-vesti taghha tal-Gudikatura Kriminali. Il-Qorti, madanakollu, hekk adita, tista tghaddi ghal gudizzju biss jekk l-imputat jaghti l-kunsens tieghu sabiex hekk isehh. Meta dan il-kunsens ma jinghatax allura il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza tisma' u tiddeciedi l-kaz u trid terga' tirrinvija l-atti lill-Avukat Generali bhala Qorti Istruttorja sabiex tinhareg l-att ta'l-akkuza. Fil-fatt is-sub-inciz (b) jipprovdi illi meta l-atti jinbagħtu lura lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija. Dan ifisser illi ir-rwol tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju jaghti lil Qorti tal-Magistrati is-setgha li tiddeciedi l-kaz prevja ovvjament l-kunsens tal-imputat. Izda l-legislatur jimponi obbligi ohra fuq il-Qorti tal-Magistrati qabel ma hi tghaddi biex titlob il-kunsens mill-imputat sabiex titratta u tiddeciedi l-vertenza imressqa quddiemha:

**"Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)"**

Illi ghalkemm l-Avukat Generali jindika illi ghandha tinstema ix-xhieda tal-Ispettur Anne Marie Xuereb, fost provi ohra tal-prosekuzzjoni li madanakollu ma jigux indikat, din ix-xhieda baqghet qatt ma instemghet u il-prosekuzzjoni qatt ma ghalqet il-provi taghha.

Illi evidentement il-procedura imfassla fil-ligi, kif hawn fuq spjegat, ma gietx segwieta mill-Ewwel Qorti biex b'hekk allura hija ma kellhiex il-kompetenza tisma'

u tiddeciedi il-kawza kif ghamlet u dan fit-termini ta'l-artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti nulli u dan mid-data tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-10 ta' Marzu 2016, tirrinvja l-att quddiem l-Ewwel Qorti sabiex hemmhekk jitkomplew il-proceduri kontra l-appellanti minn dan il-mument u skont il-ligi.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur